QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

Imhallfin

S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President

Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.

Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.

Att ta' Akkuza

Numru: 16/83.

Ir-Repubbblika ta' Malta

kontra

Atnhony Mifsud ta' erbgha u ghoxrin sena, mwieled Casal Pawla, bin Saviour.

Seduta: I

Illum, 22 ta' Jannar, 1985.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Anthony Mifsud li permezz tieghu l-istess Anthony Mifsud, wara li ppremetta:-

Illi b'sentenza preliminari tas-17 ta' Frar, 1983, l-Onorabbli Qorti Kriminali cahdet iz-zewg eccezjonijiet preliminari sollevati mill-esponent b'Nota tat-2 ta' Mejju, 1983, u cioe':- (1) l-inammissibilita' tal-istqarrija tal-akkuzat markata Dok. 'D' maghmula fil-15 ta' Gunju, 1982 wara li huwa kien tressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati u akkuzat formalment, stante li din l-istqarrija ma setghetx tittiehed mill-Ispettur tal-Pulizija izda kellha tittiehed mill-Qorti Istruttorja wara d-debita twissija, u dan ghaliex f'dak il-mument l-akkuzat ma kienx aktar taht il-gurisdizjoni tal-pulizija bhala persuna arrestata u taht suspett, izda kien taht il-gurisdizjoni tal-Qorti Istruttorja bhala persuna formalment akkuzata b'reat u li kontra taghha qed jingabru l-provi.

(2) In-nullita' tat-Tielet Kap (Alternattiv ghat-Tieni Kap) tal-Att tal-Akkuza peress li, filwaqt li gie citat l-artikolu li jirriferixxi ghall-komplicita' (art. 43 Kodici Kriminali) ma giex citat l-artikolu tal-ligi riferibbli ghar-reat li l-eccipjent qed jigi akkuzat ta' komplicita' fih, liema artikolu kellu jkun l-artikolu 5 tal-Att IX tal-1976.

Illi/.......

Illi bl-imsemmija sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti ammettiet bhala xhieda in difesa lil P.S. 94 Mario Schembri, P.S. 726 Greengrass, Maggur Camilleri, Infermier tal-Habs Lino Grima, Tabib Michael Cordina, D.C. Anthony Mifsud Tommasi (dan semplicement biex jixhed dwar il-mod kif kien qed jigi ttrattat waqt l-Interrogatorju), P.C. 1734 Generoso Mifsud u P.C. 42 Joseph Cassar. Konsegwentement giet michuda t-talba ghall-produzjoni bhala xhieda tal-"Pulizija ghassa mac-celel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982, ilkoll biex jixhdu dwar il-feriti li raw fuq l-akkuzat, konsegwenza tal-interrogatorju". L-ewwel Onorabbli Qorti ammettiet il-produzzjoni tal-ittra (original) li Louis Bartolo halla fic-cella u l-istqarrija maghmula minnu waqt l-interrogatorju tieghu, jew kopja taghha, ghal ezami komparativ tal-firme f'dawn iz-zewg dokumenti, u cahdet il-produzzjoni tad-dokumenti indikati fin-Nota tat-2 ta' Mejju, 1983 bin-numru 1, 2, u 3 u cioe' l-istqarrija ta' John Hughes waqt l-interrogatorju u z-zewg ittri ffirmati minn Louis Bartolo indikati bhala dokumenti "TA 1" u "TA 2), u billi hass ruhu aggravat minn dik is-sentenza appella minnha u talab lil din il-Qorti timmodifika l-istess sentenza billi tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezjoni preliminari tieghu u in kwantu ddikjarat inammissibli x-xhieda "Pulizija ghassa mac-celel fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982" u d-Dokumenti TA 1, u TA 2, filwaqt li tikkonfermaha fir-rimanenti; u konsegwentement tilqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu, tammetti l-produzjoni bhala xhieda tal-Pulizija ghassa kif inghad, u tammetti d-dokumenti TA1 u TA2, okkorrendo billi siltiet minnhom ma jinqrawx;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni.

IKKUNSIDRAT:-

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi l-appell prezenti, kif jidher minn ezami tar-rikors ta' l-appell, huwa limitat ghal dan:-

(i) l-inammissibilita' o meno ta' l-istqarrija ta' l-akkuzat appellant markata Dokument 'D' maghmula fil-15 ta'

Gunju,/........

1982;

(ii) il-produzzjoni tax-xhieda "Pulizija ghassa mac-celel fil-Kwartier Generali tal-Pulizija fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982" (ara nota ta' l-akkuzat tal-21 ta' Dicembru 1983);

u (iii) il-produzzjoni taz-zewg ittri markati Dokumenti TA1 u TA2 esibiti man-nota tal-eccezjonijiet ta' l-akkuzat tat-2 ta' Mejju, 1983;

Kwantu ghall-imsemmija stqarrija ta' l-akkuzat (Dok. 'D' tal-15 ta' Gunju, 1982), l-appellant cieghed jibbaza l-oppozizzjoni tieghu ghall-ammissibilita' taghha fuq l-artikoli 420(1) u 466(7) tal-Kodici Kriminali;

Jista' jinghad mill-ewwel li l-artikolu 466(7) imsemmi, li jinsab taht it-Titolu IV tat-Tieni Ktieb, Taqsima I, tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli ghal kaz in ezami. Dan l-artikolu, infatti, jirriferixxi ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, u mhux ghall-proceduri tal-kompilazzjoni li fil-kors taghhom saret l-istqarrija in ezami;

Minn ezami ta' l-artikolu 420 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tigbed dawn il-konkluzjonijiet legali:-

(a) Wara li persuna tigi prezentata quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u akkuzata b'reat, dik il-persuna tkun taht il-gurisdizjoni ta' dik il-Qorti;

(b) Sakemm l-atti tal-kompilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali, jekk dik il-persuna tkun arrestata, hadd ma jista' ikollu access ghaliha jekk mhux bil-permess tal-Magistrat li jkun imexxi l-kompilazzjoni, u dan anke fil-kaz li jkun l-imputat stess li jitlob li 'jara' xi persuna;

(c) Il-ligi ma timponi l-ebda formalita' dwar kif ghandu jinghata dan il-permess, u ghalhekk huwa bizzejjed li dan ikun jirrizulta b'xi mod sodisfacenti. B'dana kollu, pero' huwa ferm desiderabbli, ghalkemm mhux legalment rikjest, li dan il-permess ikun jirrizulta mill-miktub, u dan anke ghal finijiet tal-prova ta' l-ezistenza ta' l-istess permess;

(d) l-ghoti ta' dan il-permess huwa mholli mill-ligi fid-diskrezjoni tal-Magistrat li jkun imexxi l-kompilazzjoni;

(e) / .......

(e) Fl-ezercizju ta' din id-diskrezjoni, pero' il-ligi timponi l-obbligu lill-imsemmi Magistrat li ma jagtix dan il-permess jekk ikun jidhirlu "li jista jkun ta' hsara ghall-finijiet tal-gustizja";

Fil-kaz in ezami l-akkuzat appellant tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja fil-15 ta' Gunju, 1982, u ghalhekk minn dak il-hin li tressaq gie taht il-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u ma baqghax taht il-gurisdizjoni tal-Pulizija; kwindi kull access ghalih kien jirrikjedi l-permess tal-Magistrat li kien qieghed imexxi l-kompilazjoni. L-imsemmi Magistrat setgha jghati dan il-permess kemm-il darba ma jkunx jidhirlu li setgha "jkun ta' hsara ghall-finijiet tal-gustizzja", kemm jekk din il-hsara ultimament tista' topera ghab-beneficcju ta' l-imputat u kemm jekk topera ghas-svantagg tieghu. Id-diskrezjoni tal-Magistrat jekk jaghtix permess jew le ghandha, sabiex ma jkunx hemm il-hsara ghall-finijiet tal-gustizja kontemplata fl-imsemmi artikolu 420, tigi ezercitata fil-kontest u konformement mal-principji tal-ligi li jirregolaw il-process kriminali fis-sistema akkuzatorja Malti intizi biex jiggarantixxu " a fair trial"; u huma dawn il-principji li ghandhom necessarjament jiggwidaw lill-Magistrat f'dan ir-rigward;

Mill-mument li l-imputat gie mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja u akkuzat formalment bir-reat imsemmi fir-rapport tal-Ufficjal Prosekutur tal-Pulizija, il-proceduri kollha fil-konfront tieghu kellhom isiru in konformita' ma u ghat-tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jinsabu taht is-Sub-Titolu "Fuq il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja Bhala Qorti Istruttorja" (artikoli 401 sa 421) u l-artikoli 422 sa 424 ta' l-Istess Kodici;

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, il-vera kwistjoni li tipprezenta ruhha f'dan il-kaz hija jekk, wara li l-imputat li kien taht arrest tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja u formalment akkuzat, il-Pulizija kellhiex tinghata access ghall-istess imputat, anke fuq talba tieghu stess;

Wara li persuna tkun tressqet quddiem il-Qorti u akkuzata b'reat, l-ebda ezami iehor ma jista' jsir fil-konfront ta' dik il-persuna hlief dawk previsti fl-artikoli 404 u 409

tal-Kodici/.......

tal-Kodici Kriminali u bil-mod kif stabbilit fl-istess artikoli. L-imputat huwa naturalment liberu li jikteb u jghid dak li jidhirlu dwar ir-reat li bih ikun akkuzat, u l-Pulizija ghandha mhux biss id-dritt izda d-dover li tipproduci l-prova relattiva jekk dan jigi a konjizzjoni taghha izda m'ghandha l-ebda dritt tkompli tkellem u wisq anqas taghmel domandi (kif mid-Dok.'D' imsemmi jidher li ghamlet) lill-akkuzat dwar ir-reat lilu addebitat. Kull permess moghti lill-Ufficjal Prosekutur biex jaghmel dan imur kontra dan il-principju fondamentali u ghalhekk huwa potensjalment ta' hsara ghall-interessi tal-gustizzja u allura, b'disposizzjoni espressa tal-ligi, ma jistghax jinghata. Il-fatt li jista' jkun l-istess imputat li jitlob li jkellem lill-Pulizija dwar ir-reat ma jbiddel bl-ebda mod il-posizzjoni guridika u m'ghandu l-ebda rilevanza. Jekk il-kuntatt ta' l-imputat ma xi persuna, hi min hi, jista' jkun ta' hsara ghall-finijiet tal-gustizzja sija b'mod favorevoli u sija b'mod avvers ghall-imputat, dik il-persuna hija prekluza mill-ligi li 'tara' lill-imputat li jkun taht arrest, u ghalhekk kull permess moghti lilha jkun bi vjolazzjoni tal-ligi u kwindi illegali, indipendentement mill-fatt li jkun l-istess imputat li talab li 'jara' lil dik il-persuna;

Ta' min isemmi hawnhekk dak li kienet qalet il-Qorti Kriminali, komposta minn tliet Imhallfin, fis-sentenza taghha tal-24 ta' Marzu, 1954, fil-kawza "Reg. vs Cini et" (Vol. XXXVIII. IV. 747). F'dak il-kaz wiehed mill-imputat , fuq istruzjoni tal-Qorti Istruttorja waqt is-smiegh tal-kompilazzjoni, indirizza xi kliem lil xhud, u dan ix-xhud qal li lil dak l-imputat kien ciegħed jaghrfu minn lehnu. Il-Qorti Kriminali, wara li qalet li b'hekk inholqot prova a pregudizzju ta' l-imputat li qabel ma kienx hemm, ziedet tghid li l-Magistrat Istruttur ma setghax jaghti dak l-ordni lill-dak l-imputat. "Infatti," qalet dik il-Qorti, "fis-sistema akkuzatorju Malti d-drittijiet ta' l-imputat huma salvagwardati b'diversi disposizzjonijiet,fosthom dik kontenuta fit-tieni sub-artikolu tal-artikolu 404 tal-Kodici Kriminali, li fost affarijiet ohra jghid illi l-Qorti Istruttorja hija fid-dmir li twissi lill-imputat, qabel ma jsirulu l-mistoqsijiet preskritti ghall-ezami tieghu fl-istess artikolu, "li huwa mhux obbligat jinkrimina ruhu". "Multo minus" ghalhekk, tista' l-Qorti Istruttorja, fil-kors tal-kompilazzjoni, taghti ordni lill-imputat biex dan jaghmel xi haga li biha tinholoq prova kontra tieghu", u zzid illi "il-fatt li l-imputat obda l-ordni

tal-Magistrat/.......

tal-Magistrat ma jbiddilx l-posizzjoni guridika; ghaliex dawn huma regoli ta' ordni pubbliku li jinteressaw il-liberta' tac-cittadin, u li jissalvagwardaw in-natura akkuzatorja tas-sistema kriminali Malti, u ghalhekk mhux ammissibbli li l-imputat jista' implicitament, bl-ubbidjenza tieghu ghall-ordni tal-Qorti, jirrinunzja ghall-principju fuq imsemmi.";

Jekk il-Magistrat Istruttur ma jistax jordna dak li huwa prekluz mill-ligi li jordna, daqs tant iehor ma jistax jippermetti dak li huwa prekluz mill-ligi li jippermetti, u ghalhekk it-talba tal-Pulizija biex 'jaraw' lill-imputat, li kien taht arrest, wara li kien gie mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja, anke fl-ipotesi li saret (kif jidher mix-xhieda tad-Direttur tal-Habs) ma setghetx u ma kellhiex tigi akkordata mill-Magistrat Istruttur. Il-fatt li setgha kien l-istess imputat li talab li jkellem lill-Pulizija ma jista' jkollu l-ebda rilevanza, il-ghaliex xorta wahda jibqa' inammissibbli l-premess lill-Prosekuzzjoni biex tkellem lill-imputat, f'kazijiet bhal dak in ezami, daqs kemm kienet tkun inammissbli, fit-termini ta' l-imsemmi artikolu 420(2), talba ta' xhud tal-Prosekuzzjoni li 'jara' lill-imputat;

Ghar-regunijiet premessi, ghalhekk, l-imsemmija stqarrija Dokument 'D', indipendentement minn kull kwisjtoni dwar il-volontarjeta' teghha, m'hijiex ammissibbli;

Ghal dak li jirrigwarda l-appell dwar il-produzzjoni tax-xhieda "Pulizija ghassa mac-celel fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982", il-Qorti tirrileva illi fin-nota tal-eccezjonijiet tieghu tat-2 ta' Mejju, 1983, l-akkuzat appellant, barra minn xhieda ohra li ma jinteressawx lil dan l-appell, indika bhala xhud: "Pulizija ghassa mal-akkuzat waqt l-interrogatorju, ismu (sottolinejar tal-Qorti) mhux maghruf;";

B'nota tat-13 ta' Mejju, 1983, l-Avukat Generali, bla pregudizzju ghall-opposizzjoni tieghu registrata bin-nota tal-11 ta' Mejju, 1983, talab li l-akkuzat jiddikjara l-oggett tal-prova li ried jaghmel bix-xhieda minnu ndikati;

Dan l-oggett tal-prova l-akkuzat iddikjarah bin-nota tieghu tal-21 ta' Dicembru, 1983, fejn semma d-diversi xhieda indikati minnu fin-nota tieghu tat-2 ta' Mejju,

1983, bl-indikazzjoni tal-prova li ried jaghmel permezz ta' kull xhud. F'din in-nota tal-21 ta' Dicembru, 1983, pero', ma jiffigurax ix-xhud "Pulizija ghassa mal-akkuzat waqt l-interrogatorju, ismu mhux maghruf", izda hemm imsemmija "Pulizija ghassa mac-celel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982";

Il-Qorti ma tistax ma tirrelevax id-differenza sostanzjali bejn l-indikazzjoni ta' dawn ix-xhieda in ezami fin-nota tat-2 ta' Mejju, 1983, u f'dik tal-21 ta' Dicembru, 1983, u ghalhekk taqbel ma' l-Ewwel Qorti li x-xhud jew xhieda (ghax fil-fatt mentri x-xhud indikat fin-nota tat-2 ta' Mejju, 1983, huwa definittivament wiehed, dawk indikati fin-nota tal-21 ta' Dicembru, 1983, jistghu ikunu iktar minn wiehed) "Pulizija ghassa mac-celel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982" ma gewx indikati fiz-zmien preskritt mill-Ligi u ghalhekk ma jistghux jigu ammessi;

Fir-rigward ta' l-appell dwar il-produzzjoni taz-zewg ittri Dokument "TA 1" u dokument "TA 2", allegatament miktubin u mibghutin minn Louis Bartolo, ma tantx jidher li hemm x'jinghad. Fil-kliem ta' l-artikolu 642(1) tal-Kodici Kriminali x-xhieda ghandhom jigu ezaminati fil-Qorti "Viva voce". L-eccezjonijiet ghal din ir-regola huma dawk kontenuti fid-diversi subartikoli ta' l-imsemmi artikolu 642. Fil-kaz ta' smiegh ta' xhieda residenti barra minn dawn il-Gzejjer, imbaghad, il-ligi tistabbilixxi l-procedura tar-rogatorji.

Fil-waqt li tosserva li l-imsemmi Louis Bartolo ma giex indikat bhala xhud mill-akkuzat, din il-Qorti ma tistax/kif inhu koncepibbli li x-xhieda ta' persuna li ghadha hajja (u ma tezisti l-ebda prova li Louis Bartolo ma ghadux haj), kemm jekk tinsab f'dawn il-Gzejjer u kemm jekk tinsab barra minn dawn il-Gzejjer, tittiehed b'semplici ittra mibghuta bil-posta minn flok milli bil-mezzi preskritti bil-ligi. Fil-fatt, l-imsemmija ittri Dokument "TA 1" u "TA 2", apparti minn xi partijiet irrilevanti ghal kaz prezenti, ma jikkontjenux haga ohra hlief dak li jrid ighid l-imsemmi Louis Bartolo dwar dan il-kaz. Dan ovvjament jista' jsir biss bil-mezzi preskritti mill-ligi, u l-ebda prova ma tista tigi ammessa jekk mhix permessa mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, tiddecidi billi

(i)/.......

(i) tilqa' l-appell in kwantu jirrigwarda l-imsemmija stqarrija Dokument 'D' u konsegwentement tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat ammissibbli din l-istqarrija, liema stqarrija qieghda tigi dikjarata inammissibbli; (ii) tichad l-appell in kwantu jirrigwarda l-ammissibilita' tax-xhieda "Pulizija ghassa mac-celel fil-11 u fit-12 ta' Gunju, 1982", u ghalhekk f'dan ir-rigward tikkonferma s-sentenza appellata; u (iii) tichad l-appell in kwantu jirrigwarda l-ammissibilita' ta' l-imsemmija dokumenti "TA 1" u "TA 2", u ghalhekk anke f'dan ir-rigward tikkonferma s-sentenza appellata; u b'dan il-mod tiddisponi mill-appell.